MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)
# BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

## MAGISTRAT DR.
## ANTONIO MICALLEF TRIGONA

Seduta tas-6 ta' Frar, 2003

Numru 1038/2002

**Il-Pulizija**
**(Spettur Mario Tonna)**
**vs**
**Paul Cost Agius**

**Il-Qorti,**

Rat l-akkuzi dedotti kontra Paul Cost Agius ta’ 19-il sena bin Eugenio u Maria nee’ Briffa imwieled Pieta’ nhar it-12 ta’ Settembru 1983 u residenti 197, Triq il-Kbira, Balzan detentur ta’ karta ta’ identita numru 488583(m) akkuzat talli:

a. nhar is-7 ta’ Dicembru 2002 ghall-habta ta’ 2.30a.m. gewwa Triq San Gorg San Giljan u cioe’ gewwa l-istabbiliment ‘Footloose Fun Bar’ minghajr il-hsieb li joqtol jew li jqieghed il-hajja ta’ haddiehor f’periklu car, ikkaguna feriti ta’ natura gravi fuq il-persuna ta’ Joseph Zahra minn San Giljan skond kif iccertifika Dr. Brian

Martin Flores MD ta' l-isptar San Luqa u dan ai terminu tal-artikoli 214, 216(1)(b), tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta;

b. fl-istess data, lok u cirkostanzi, hebb ghall-istess Laurence Azzopardi sabiex jingurja, idejjaq jew jaghmel hsara lill-istess Joseph Zahra u dan bi ksur tal-artikolu 339(d) tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta' Malta.

c. fl-istess lok u cirkostanzi volontarjament kiser il-bon ordni jew il-kwiet pubbliku b'ghajjat u glied u dan bi ksur tal-artikolu 338(dd) tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta.

Rat l-atti u d-dokumenti;

Ikkonsidrat:

Illi fl-udjenza tallum l-imputat iddikjara li hu hati tal-akkuzi dedotti kontra tieghu, proprjament ghall-ewwel akkuza.

Illi din l-ammissjoni hi wahda volontarja u inkondizjonata u l-imputat ippersista fiha anka wara li l-Qorti taghtu zmien biex jikkonsidra.

Irrizulta li t-tieni akkuza giet rinunzjata mill-kwerelant u dwar it-tielet ma irrizultax.

Fir-rigward l-ewwel billi tirrisulta ssibu hati.

Ghaldaqstant tiddikjara procediment esawrit fil-konfront tat-tieni akkuza, tilliberah mit-tielet u ssibu hati ta' l-ewwel. Qieset n-natura tal-ferita u c-cirkostanzi u wara li rat l-artikolu 214, 216(1)(b) tilliberah bil-kundizzjoni li ma jaghmilx reat iehor ghall-perjodu ta' sitt xhur millum bl-applikazzjoni tal-Artikolu 9 tal-Kap 152.

--------------------------------TMIEM--------------------------------